## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR CHARLOTTE CURMI) V. JOSEPH TANTI (KI. 1055248M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**18 ta' Jannar 2023**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Billi int akkuzat talli fl-17 t'Ottubru 2019 ghall-habta ta' 08:25hrs fi Triq tas-Sliema kantuniera ma' Triq il-Falkun, Sliema soqt vettura b' numru ta'registrazzjoni CRV683 ;**

1 B' manjiera traskurata,
2 U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b' manjiera perikoluza,
3 U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b' manjiera bla kont,
4 U aktar inqast li tieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika 'Stop',
5 U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta'regolamenti, ikkaġunajt ħruq, jew għamilt xi ħsara jew ħassart jew għarraqt xi ħaġa, minħabba f'hekk Malcolm Azzilla batgha offiża gravi fuq il-persuna, minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr. Matthew Vella MD mill-MDH,

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni, ossia RPC 3178 David Sant, Dr. Matthew John Vella (affidavit), Rose-Marie Tanti u PC 668 Alex Zammit,

wara li rat li fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2022 il-*parte civile* talab l-isfilz tad-DVD esebit mill-prosekuzzjoni bħala Dok DS3 fid-19 ta' Lulju 2021 u dan abbażi tal-prinċipju tal-*proper chain of custody,*

wara li semgħet lill-Prosekuzzjoni, lill-*parte civile* u lid-Difiża jitrattaw din il-preġudizzjali fl-istess seduta;

wara li rat in-nota ppreżentata mill-imputat fl-14 ta' Novembru 2022,

wara li rat l-atti proċesswali l-oħra li ġew esebita sa' issa,

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. Fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2021 x-xhud tal-Prosekuzzjoni, RPC 3178 David Sant sebixxa fost affarijiet oħra *DVD* b'filmat meħud minn *rear dash cam* installat fuq vettura li allegatament juri l-inċident mertu tal-kawża. Dan id-*DVD* ġie mmarkat bħala Dok DS3. Skond ix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Jannar 2022, huwa rċieva d-*DVD* mill-*control room* tal-Pulizija u ċioe mingħand ċertu PC 668 Eric Zammit wara li huwa kien aċċeda fuq il-post, fid-data u lok indikati fil-komparixxi, sussegwentement għal rapport li kien sarlu dwar kolliżjoni. Huwa filfatt kien responsabbli għar-rapport tal-okkorenza u kien hu ukoll li ħejja skizz tal-inċident. Skond ix-xhud malli hu ra l-filmat, niżżlu minn fuq it-telefon ċellulari tiegħu, għamlu fuq *DVD* u ppreżentah fil-Qorti.

2. Fis-seduta tas-27 ta' April 2021 xehed PC 668 Alex Zammit li kkonferma illi għall-ħabta ta' nofs Ottubru l-Pulizija kienet rċeviet filmat fuq is-sit tal-*facebook* tagħha. Dan il-filmat imbagħad ntbagħat minnu ġewwa l-Għassa tal-Pulizija b'mod elettroniku sabiex jgħinhom fl-investigazzjonijiet tagħhom. Huwa xehed li ma' jafx min kien bagħat jew xandar il-filmat għaliex min għamel hekk baqa anonimu.

3. Kif ġa ingħad, fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2022 il-*parte civile* talab l-isfilz tad-DVD imsemmi stante illi fil-fehma tal-abbli avukat difensur tiegħu ma' nżammitx *a proper chain of custody* fir-rigward ta' dan id-DVD.

4. In sostenn tal-preġudizzjali mressqa minnu l-avukat difensur iċċita fost oħrajn żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali ossia' **Il-Pulizija v. Omissis u Anthony Cremona** (Appell Nru: 302/2018 CSH, 14/02/2019) u **Il-Pulizija v. Gaetano Abdilla et.** (Appell Numru: 343/2015 EG, 08/01/2020).

   Fir-rigward tal-ewwel sentenza huwa ċċita bran li kien parti mir-rikors t'appell tal-appellant f'dik il-kawża fejn kienet saret riferenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet: **Ir-Repubblika ta' Malta v. David sive David-Norbert Schembri** (Att t' Akkuża 1/2006, 31/05/2007) fejn hemmhekk il-Qorti kienet qalet is-segwenti dwar *recording* ippreżentat mill-Prosekuzzjoni (liema *recording* kienet allegatament ittieħed minn persuna mingħajr ma' ġie dokumentat il-mod kif ġie ottjenut):

*"mill-ezami akkurat tal-atti processwali minn imkien ma jirrizulta li dan Joseph Scicluna kien sussegwentement ingieb biex jikkonferma bil-gurament li hu kien irceva u r- irrikordja din it-telefonata.(…) Pero' hemm awtorita' li tghid li f' guri, il-parti li tkun trid tipproduci recording jew film trid tissodisfa lill-Imhallef togat li hemm prima facie case li dak ir-recording ikun awtentiku u li jkun jista' jitfiehem bizzejjed biex jitpogga quddiem il-gurati. Il-provi ikunu jridu juru w jiddeskrivu l- provenjenza w l-istorja tar-recording sal-mument li jkun gie esebit il-Qorti. (R.v. Robinson and Harris; [1972]All ER 699, [1972]1 WLR651 u Butera v DPP (1987) 164 CLR 180. p.184) Hu proprju hawn li din il-Qorti tara li l-prosekuzzjoni naqset fir-rigward tal-esebizzjoni ta' dan id-dokument. Dak li qal Joseph Scicluna lill-Ispettur Tonna dwar dan ir-recording kif xehdu Tonna huwa hearsay evidence u zgur kien mistenni – kif del resto hass l-Istess Spettur Tonna meta xehed waqt li kien qed jipprezenta d-dokument – li Joseph Scicluna kellu jixhed biex jikkonferma lawtenticita' tar-recording, u kif u f' liema cirkostanzi hadu u x' mezzi adopera biex irregistra din l-allegata konversazzjoni telefonika. Kien mehtieg ukoll li tigi pruvata l-kontinwita' tal-evidenza mill-hin li sar l-allegat recording sal-mument li gie konsenjat lill-Ispettur Tonna. Dan pero' baqa' ma sarx quddiem il-Qorti Istruttorja, x' aktarx minhabba xi "oversight" tal-istess Spettur u tal-Avukat addett mill- ufficcju tal-Avukat Generali li kien qed isegwi l-kaz u dan iddokument gie u baqa' esebit fil-process bla ma qatt gie konfermat bil-gurament minn min kien responsabbli ghall- holqien, l-ezistenza w l-paternita' tieghu w bla ma saret il- prova tal-kontinwita' tal-evidenza. Ghalhekk din il-Qorti qed tilqa' t-tieni eccezzjoni tal- akkuzat u tiddikjara ilcassette tape (Dok. JS) inammissibli bhala prova ghar-raguni fuq indikata."*

Fir-rigward tat-tieni sentenza huwa rrefera għal dik il-parti tagħha fejn l-Qorti ddeċidiet illi l-Prosekuzzjoni kienet naqset milli teżerċita kontroll fuq il-katina tal-evidenza li ppreżentat meta l-analiżi dwar kampjuni ta' *diesel* elevati in konnessjoni mal-allegat reati, twettqet inizjalment minn espert li ma' kienx ġie maħtur mill-Qorti u sussegwentement wara li l-kampjuni kienu għaddew minn idejn oħra, twettqet analiżi minn espert maħtur fl-*in genere* fi stadju meta ma' kienx inżamm *a proper chain of custody* tal-evidenza. F'dik il-kawża l-Qorti kienet filfatt iddikjarat l-prova in kwistjoni dwar il-kwalita' tad-*diesel* bħala waħda inammissibbli.

5. Il-Qorti ma' tarax kif dawn iż-żewġ sentenzi jistgħu jkunu ta' sostenn għall-kwistjoni ventilata mill-*parte civile* anke għaliex il-fattispecie fiż-żewġ kawżi m'humiex simili għal dawk fil-kawża odjerna. Jekk xejn, kif sew sostna d-difensur tal-imputat fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, għal dak li ngħad fl-ewwel sentenza fil-kawża odjerna l-Prosekuzzjoni ressqet sabiex jixhed il-persuna li *ddownloadjat* il-filmat li kien ġie ppubblikat fuq is-sit tal-*facebook* tal-korp tal-Pulizija, ċioe PC 668 Alex Zammit. Inoltre ma' hemm l-ebda dubbju dwar l-awtentiċita *o meno* tal-filmat esebit fuq id-*DVD* in kwistjoni. Fir-rigward ta' dak li ngħad fit-tieni sentenza, dak li jista' jiġi applikat għall-fatti ta' din il-kawża huwa illi kuntrarjament għal dak li kien seħħ f'dik

il-kawża l-Prosekuzzjoni ressqet prova ta' kontroll fuq ic-*chain of custody* tal-evidenza mressqa billi ressqet kemm lil PC 668 Alex Zammit (l-persuna li l-ewwel niżżel il-filmat minn fuq il-paġna tal-*Facebook* tal-Korp) u kif ukoll lill-RPC David Sant li kien il-persuna li lilu ntbagħat il-filmat minn PC 668 u li niżżel il-filmat minn fuq it-telefon ċellulari tiegħu għal fuq id-*DVD* li ġie esebit minnu personalment quddiem il-Qorti.

6. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. David Sant** (15/10/2007, Prim Imħallef Vincent De Gaetano) meta l-Qorti kienet qed tikkunsidra aggravju mressaq mill-appellant dwar l-inammissibilita' ta' DVD li kien ġie prodott mill-Prosekuzzjoni mingħajr ma' tressaq jixhed l-awtur tiegħu:

> "Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx ma' l-appellant li dan id-dokument kellu jigi dikjarat inammissibbli. Wiehed irid jiddistingwi bejn l-ammissibilita` ta' dokument u l-valur probatorju li jista' jinghata lil tali dokument. Ghalkemm huwa dejjem desiderabbli li meta jigi ezibit dokument li jkun irregistra xi xena jew diskors – film, video clip, tape recording u registrazzjonijiet ohra simili – jittella' jixhed xi hadd li jkun jista' jikkonferma kif u taht liema cirkostanza saret dik ir-registrazzjoni, tali konferma ma hix pre-rekwizit ghall-ammissibilita` tad-dokument. Bizzejjed wiehed jiehu l-kaz ta' meta, waqt xi perkwisizzjoni, jinstab ritratt jew filmat li jkun juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga li tkun relevanti ghall-meritu tal-kaz; il-persuna li tkun hadet dak ir-ritratt jew gibdet il-filmat tista' ma tkunx rintraccabbli (tista' anke tkun l-istess imputat li naturalment, bhalma ghandu kull dritt, jibqa' sieket meta mistoqsi dwar dak l-oggett), izda b'daqshekk ma jfissirx li dak id-dokument ma jkunx ammissibbli.
>
> In-nuqqas ta' produzzjoni ta' min ha r-ritratt jew gibed il-filmat (jew irregistra l-konversazzjoni) jista', skond ic-cirkostanzi, jincidi fuq kemm dak li juri dak id-dokument huwa minnu – ghalhekk il-valur probatorju. Jista' jkollok ukoll sitwazzjonijiet fejn il-persuna li tkun hadet ir-ritratt jew filmat, jew li rregistrat il-konversazzjoni, tkun talbet li tibqa' anonima. Hekk per ezempju, jista' jkollok filmat li juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga – l-azzjoni tkun cara izda ma jkunx jista' jigi identifikat min qed jaghmel dik l-azzjoni, cioe` jekk hux l-imputat jew persuna ohra. Min ikun ha dak il-filmat ikun possibilment jista' jidentifika lill-imputat; jekk jibqa' ma jidentifikahx ghax ma jittellax jixhed, il-prosekuzzjoni tkun naqset milli tipprova li l-azzjoni hemm murija tkun saret mill-imputat.
>
> Kwistjoni simili kienet giet deciza mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Dicembru 1998 fis-sentenza (preliminari) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja** u in segwitu konfermata fuq dan il-punt minn din il-Qorti kollegjalment komposta. Il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-ammissibilita` ta' registrazzjoni ta' konversazzjonijiet telefonici li allegatament kienu saru bejn l-akkuzat u xhud tal-prosekuzzjoni. Dik il-Qorti kienet iddikjarat il-casette tape relattiv

ammissibbli minkejja li l- pulizija kienet naqset, anzi rrifjutat, li tghid min irregistraha u kif dik ir-registrazzjoni kienet saret. Il-Qorti Kriminali f'dak il-kaz kienet ghamlet referenza ghall-insenjament ta' Lord Chief Justice Goddard fil-kaz **Kuruma, son of Kaniu v. The Queen** fejn a pagna 203 jinghad hekk: "...the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible, and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While the proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their Lordship's opinion it is plainly right in principle." Ghalkemm dan intqal fil-kuntest ta' allegazzjoni li l-prova kienet inkisbet b'mod illegali, il-principju jibqa' li t-test huwa dak tar-relevanza: jekk il-filmat jew ritratti jew registrazzjoni hu jew jista' jkun relevanti – jigifieri mhux manifestament irrelevanti – allura, fin-nuqqas ta' xi exclusionary rule of evidence dak id-dokument hu ammissibbli, salv dejjem kif inghad il-kwistjoni tal-valur probatorju. Mill-banda l-ohra, jekk ir-relevanza tad-dokument ma tkunx tista' tigi stabbilita mill-istess filmat jew ritratt jew registrazzjoni, allura, fin-nuqqas ta' xi xhud li jkun jista' jistabilixxi dik ir- rilevanza, il-Qorti tista' tasal ghall-konkluzzjoni li dak l-istess dokument hu manifestament irrelevanti u allura anqas biss tqisu."

7. Il-Qorti tagħmel tagħha dan l-insenjament għaqli tal-Qorti tal-Appell Kriminali u *di piu'* tqis illi f'dan il-każ il-filmat in kwistjoni huwa wieħed rilevanti ferm għall-kawża billi mhux biss jidher li jaqbad l-inċident mill-bidu sal-aħħar tiegħu iżda inoltre huwa ċar biżżejjed anke għall-finijiet ta' identifikazzjoni tal-persuni konċernati, xi ħaġa li hija rarita' fost il-biżibilju ta' filmati li jiġu solitament esebiti quddiem dawn il-Qrati.

**Għaldaqstant fiċ-ċirkustanzi u għar-raġunijiet fuq imsemmija il-Qorti qed tiċħad t-talba tal-*parte civile* għall-isfilz tal-filmat esebit bħala Dok DS3 u tordna l-prosegwiment tal-kawża.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur